MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Avviz Numru. 379/2011

**Fl-Atti tac-Cedola ta' Depozitu Numru 1553/11 fl-ismijiet:**

**Jonathan De Bon (I.D. Card Nru. 244394M)**

**Vs**

**Gismalla Adam Ahmed (I.D. Card Nru. 22755A) u Africom Malta Limited (C-28835)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Jonathan De Bon fl-4 ta' Novembru 2011, permezz ta' liema jitlob li l-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digriet Taghha tal-5 ta' Ottubru 2011 permezz ta' liema cahdet t-talba tieghu maghmula fl-Atti tac-Cedola ta' Depozitu Nru. 1553/11, ghall-izbank tas-somma ta' €3,161.81 depozitata taht l-Awtorità tal-Qorti b'dik ic-Cedola, u minflok tawtorizzah jipprocedi ghall-izbank tal-bilanc mis-somma hekk depozitata, u dan taht kull provvediment iehor li joghgobha timponi;

Rat ir-Risposta ta' Gismalla Adam Ahmed u tas-socjetà Africom Malta Limited, permezz ta' liema jopponu ghat-talba tar-Rikorrenti stante li l-mertu tas-sentenza fuq liema jibbaza t-talba ghall-izbank gie imhallas, u dan kif jirrizulta minn *statements* anness mar-Risposta taghhom ipprezentata fl-Atti tac-Cedola ta' Depozitu Nru. 1553/11;

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet "Jonathan De Bon v. Gismalla Adam Ahmed et" Talba Nru. 351/10 deciza b'sentenza pronuncjata mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fit-22 ta' Frar 2011, u rat l-istess sentenza tat-22 ta' Frar 2011;

Rat l-atti tac-Cedola ta' Depozitu bin-Numru 1553/11 maghmula fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 303/10 fl-ismijiet "Jonathan De Bon v. Gismalla Adam Ahmed et" ipprezentata fil-11 ta' Awissu 2011, rat ir-Rikors ta' Zbank ipprezentat mir-Rikorrenti fit-30 ta' Awissu 2011, rat ir-Risposta ta' l-intimati pprezentata fis-26 ta' Settembru 2011 u l-*istatements of account* annessi maghha, u rat id-Digriet tal-5 ta' Ottubru 2011 permezz ta' liema it-talba tar-Rikorrenti ghall-izbank tas-somma depozitata bis-sahha tac-Cedola ta' Depozitu Nru. 1553/11 giet michuda;

Semghet ix-xhieda moghtija mill-intimat Gismalla Adam Ahmed waqt is-seduti tal-5 ta' Dicembru 2011 u tad-9 ta' Jannar 2012 u rat id-dokumenti minnu esebiti senjatament id-dokumenti markati Dok. "AG1" u Dok. "AG2" esebiti waqt is-seduta tal-5 ta' Dicembru 2011 u d-dokument markat Dok. "GA1" esebit waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2012;

Rat l-atti l-ohra kollha;

**Ikkunsidrat:**

Mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti fatti:

- Bi proceduri pprezentati quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fis-17 ta' Frar 2010, ir-Rikorrenti Jonathan De Bon talab li t-Tribunal jikkundanna lill-intimati jhallsuh

is-somma komplessiva ta' €3,302 rapprezentanti, in kwantu ghas-somma ta' €1,809 arretrati ta' kera ghall-perijodu mill-25 ta' Awissu 2009 sat-30 ta' Jannar 2010, u in kwantu ghas-somma ta' €1,493 rapprezentanti kontijiet tad-dawl u ilma, rigwardanti l-fond Helena Flats, Flat 4, Emanuele Galizia Street, Ta' Xbiex;

- B'sentenza pronuncjata fit-22 ta' Frar 2011 l-intimati gew ikkundannati jhallsu lir-Rikorrenti s-somma komplessiva ta' €3,302.00, flimkien ma' l-imghax kif miltub fl-Avviz u l-ispejjez giudizzjarji, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ottenut kontra taghhom;
- B'Cedola ta' Depozitu bin-Numru 1553/11 ipprezentata fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 303/10 fl-ismijiet "Jonathan De Bon v. Gismalla Adam Ahmed et" fil-11 ta' Awissu 2011, il-Bank of Valletta p.l.c. iddepozita taht l-Awtorità ta' din il-Qorti s-somma ta' €3,061.49, flimkien mas-somma ta' €100.32 rapprezentanti spejjez u drittijiet ta' dik il-procedura, ghall-ammont komplessiv ta' €3,161.81;
- B'Rikors ipprezentat fit-30 ta' Awissu 2011 fl-Atti tac-Cedola ta' Depozitu bin-Numru 1553/11, ir-Rikorrenti, bis-sahha ghas-sentenza pronuncjata mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fil-konfront ta' l-intimati, talab lill-Qorti tawtorizzah jizbanka *l-bilanc mill-imsemmija somma ta' €3,161.81 depozitati taht l-Awtorità taghha, u dan taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi*;
- L-intimati opponew ghat-talba tar-Rikorrenti in bazi ghall-affermazzjoni li l-mertu tas-sentenza pronuncjata mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar thallas u dan skond *statements of account* annessi mar-Risposta taghhom;
- In vista tar-Risposta ta' l-intimati, b'Digriet tal-5 ta' Ottubru 2011 it-talba tar-Rikorrenti giet michuda;
- Bil-procedura odjerna r-Rikorrenti jitlob ir-revoka *contrario imperio* tad-Digriet tal-5 ta' Ottubru 2011 u minflok jigi awtorizzat jizbank il-bilanc mis-somma ta' €3,161.81, kif minnu mitlub fir-Rikors tat-30 ta' Awissu 2011;
- F'din il-procedura l-intimati mill-gdid qed jissollevaw opposizzjoni bbazata fuq l-affermazzjoni li l-mertu tas-

sentenza pronuncjata mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fil-konfront taghhom, gie mhallas.

Il-Qorti tibda biex tosserva li huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li min jissoleva d-difiza tal-pagament ghandu jipprova l-pagament li hu jallega izda, f’kaz ta’ dubju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le dan id-dubju ghandu dejjem imur favur id-debitur ghax l-oneru tal-prova tad-debitu tibqa’ fi kwalunkwe kaz fuq il-kreditur. Ghalkemm ghall-prova tal-pagament, kemm jekk hux ghas-saldu jew le, ma hijiex indispensabbli l-prova skritta jew il-produzzjoni ta’ ricevuta, huwa xorta mehtieg li il-hlas jigi pruvat bi kwalunkwe mod iehor li jikkonvinci lill-Qorti li dan il-pagament effettivament sar[1].

Ma hemmx dubju li l-provi determinati f’dan il-kaz huma: (a) is-sentenza pronuncjata mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fit-22 ta’ Frar 2011 bis-sahha ta’ liema r-Rikorrenti gie kanonizzat kreditur ta’ l-intimati fl-ammont ta’ €3,302.00, flimkien ma’ l-imghax legali kif mitlub fl-Avviz tat-Talba u l-ispejjez giudizzjarji, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru ottenut kontra l-intimati; (b) l-*istatements of account* ippreparati mill-istess Rikorrenti u moghtija lill-intimati annessi mill-intimati mar-Risposta taghha pprezentata fl-Atti tac-Cedola ta’ Depozitu bin-Numru 1553/11; u (c) ir-ricevuti esebiti mill-intimat Gismalla Adam Ahmed fil-kors ta’ dawn il-proceduri ghall-hlasijiet pertinenti ghall-kontijiet tad-dawl u ilma.

L-ammont ta’ €3,302.00, li tieghu r-Rikorrenti gie kanonizzat kreditur ta’ l-intimati bis-sahha tas-sentenza pronuncjata mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fit-22 ta’ Frar 2011, jirrapprezenta (i) is-somma ta’ €1809.00 rapprezentanti arretrati ta’ kera ghall-fond Helena Flats, 4, Triq Emanuele Galizia, Ta’ Xbiex, ghall-perijodu mill-25 ta’ Awissu 2009 sat-30 ta’ Jannar 2010; u (ii) is-somma ta’

---

[1] Ian Abela Fitzpatrick v. Web Trading Limited, Appell Nru. 1752/01 deciza mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fit-3 ta’ Ottubru 2002 u kkonfermata mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta’ Novembru 2003; Desmond Mizzi noe v. Patrick Filletti pro et noe, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-28 ta’ Jannar 2000; John Cini v. Rita Camilleri, Appell Kummercjali deciza fit-28 ta’ Lulju 1982; Dr. John Buttigieg noe v. Joseph Portelli pro et noe, Appell Kummercjali deciza fis-26 ta’ Jannar 1976; u Manuel Zerafa v. Nazzareno Muscat Scerri, deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Mejju 1970.

€1,493 rapprezentanti hlasijiet ta' kontijiet tad-dawl u ilma pendenti sas-16 ta' Dicembru 2009.

L-intimati jibbazaw l-eccezzjoni tal-pagament fuq l-*istatements of account* minnhom esebiti fl-atti tac-Cedola ta' Depozitu bin-Numru 1553/11, li skond huma[2] gew ippreparati mir-Rikorrenti stess u mghoddija lilhom minnu. Din l-affermazzjoni dwar l-origini ta' l-imsemmija *statements of account* ma gietx kontradetta mir-Rikorrenti u ghaldaqstant il-Qorti tqis li dawn l-*istatements of account* bhala fatt gew ippreparati mir-Rikorrenti u juru b'mod dettaljat is-sitwazzjoni pendenti bejn il-partijiet kontendenti fir-rigward ta' hlas ta' kera u kontijiet tad-dawl u ilma relattivi ghall-fond Helena Flats, Flat 4, Triq Emanuele Galizia, Ta' Xbiex.

Minn dawn l-*istatements of account* jirrizulta li ghalkemm l-arretrati ta' kera ghall-perijodu mill-25 ta' Awissu 2009 sat-30 ta' Jannar 2010 kienu ghadhom pendenti fiz-zmien meta r-Rikorrenti intavola l-proceduri quddiem it-Tribual Ghal Talbiet Zghar fil-konfront ta' l-intimati[3], fil-mori ta' dawk il-proceduri l-intimati baqghu jeffettwaw pagamenti, li gew accettati mir-Rikorrenti, b'dana li saz-zmien meta giet pronuncjata s-sentenza mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fit-22 ta' Frar 2011, l-arretrati ta' kera ghall-perijodu mill-25 ta' Awissu 2009 sat-30 ta' Jannar 2010 effettivament kienu kollha imhallsa[4].

Ghalkemm jidher li fil-frattemp u tul il-kors tal-proceduri imsemmija lahqu ghalqu u saru dovuti arretrati ta' kera ulterjuri, dawn ma jistghux jigu kkunsidrati fil-kwadru tal-proceduri in ezami stante li ma jirrizultax li r-Rikorrenti ghandu titolu ezekuttiv kontra l-intimati fir-rigward ta' tali arretrati ta' kera ulterjuri li lahqu ghalqu u saru dovuti. L-unika pretensjoni gustifikata li r-Rikorrenti jista' ghad ghandu llum fil-konfront ta' l-intimati fir-rigward ta' l-arretrati ta' kera ghall-perijodu mill-25 ta' Awissu 2009 sat-30 ta' Jannar 2010, huwa l-imghax legali dovut fuq l-istess

---

2 Xhieda moghtija mill-intimat waqt is-seduta tal-5 ta' Dicembru 2011.

3 Vide *rent statement of accounts* datati 11 ta' Jannar 2010, 14 ta' Frar 2010 u 19 ta' Frar 2010.

4 Vide rent statement of account 3 ta' Jannar 2011 – l-ahhar statement of account qabel ma giet pronuncjata s-sentenza mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar.

arretrati kalkolat mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-hlas effettiv.

Ghal dak li jirrigwarda s-somma ta' €1,493 rapprezentanti arretrati fuq il-kontijiet tad-dawl u l-ilma, mill-atti processwali tal-kawza quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar jirrizulta li dan l-ammont kien dovut ghall-perijodu bejn id-9 ta' April 2009 sal-11 ta' Settembru 2009 u perijodi antecedenti skond kont datat 16 ta' Dicembru 2009. Tul is-smigh tal-proceduri odjerni l-intimat Gismalla Adam Ahmed ipprezenta erba' ricevuti mahruga mis-socjetà ARMS Limited datati rispettivament 25 ta' Frar 2010 ghall-valur ta' €250.00, 7 ta' April 2010 ghall-valur ta' €150.00, 15 ta' Novembru 2010 ghall-valur ta' €400.00 u 6 ta' Dicembru 2011 ghall-valur ta' €120.00. Mid-dokument Dok. "GA1" esebit mill-intimat waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2012, jirrizulta li skond kont datat 17 ta' Awissu 2010 l-arretrati fuq il-kontijiet tad-dawl u ilma fil-fond Helena Flats, Flat 4, Triq Emanuele Galizia, Ta' Xbiex, dovuti sa' dik id-data kienu jammontaw ghal €1,892.75, liema somma tinsab riflessa fl-*istatements of account* imhejjija mir-Rikorrenti u mghoddia lill-intimati.

Minn dan isegwi ghalhekk illi l-erba' pagamenti li taghhom ta prova l-intimat Gismalla Adam Ahmed u li gew effettwati fil-mori tal-proceduri quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar u wara li giet ippronuncjata s-sentenza fit-22 ta' Frar 2011, necessarjament saru akkont ta' l-arretrati fuq il-kontijiet tad-dawl u ilma. Ghalhekk is-somma komplessiva tal-pagamenti s'issa effettwati – ammontanti ghal €920.00 – ghandha, ghal finijiet ta' dawn il-proceduri, titnaqqas mill-ammont ta' €1,493 kanonizzat favur ir-Rikorrenti ghal dak li jirrigward arretrati fuq il-kontijiet tad-dawl u ilma. B'hekk l-ammont li jista' jigi zbankat mir-Rikorrenti mis-somma depozitata taht l-Awtorità tal-Qorti bic-Cedola ta' Depozitu bin-Numru 1553/11 ghall-finijiet ta' hlas ta' arretrati fuq il-kontijiet tad-dawl u ilma huwa ta' €573.00.

Dana kollu qed jinghad assolutament bla pregudizzju ghad-drittijiet tar-Rikorrenti fir-rigward ta' arretrati ulterjuri dovuti fuq kontijiet tad-dawl u ilma li ma jiffurmawx il-mertu

ta’ dawn il-proceduri u li dwarhom ghad ma ghandux titlou ezekuttiv fil-konfront ta’ l-intimati.

Bis-sentenza tat-22 ta’ Frar 2011, l-intimati gew ikkundannati jhallsu lir-Rikorrenti l-ispejjez giudizzjarji relattivi ghall-proceduri quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar u ghall-Mandat ta’ Sekwestru ottenut kontra taghhom. L-intimati ma ressqu ebda prova dwar il-hlas ta’ dawn l-ispejjez lir-Rikorrenti u ghaldaqstant hu ghandu dritt jottjeni l-hlas relattiv mis-somma depozitata taht l-Awtorità tal-Qorti bic-Cedola ta’ Depozitu bin-Numru 1553/11.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt li tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet tal-5 ta’ Ottubru 2011, tilqa’ t-talba tar-Rikorrenti ghall-izbank mis-somma depozitata taht l-Awtorità Taghha bic-Cedola ta’ Depozitu bin-Numru 1553/11 limitatament però ghal dawk l-ammonti rapprezentanti: (i) l-imghax legali dovut fuq l-arretrati ta’ kera ghall-perijodu mill-25 ta’ Awissu 2009 sat-30 ta’ Jannar 2010, konteggjat mid-data ta’ kull skadenza sad-data ta’ l-effettiv pagament; (ii) is-somma ta’ €523 rapprezentanti l-bilanc mis-somma ta’ €1,493, dovut bhala hlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma li dwarhom ghandu titolu ezekuttiv fil-konfront ta’ l-intimati; u (iii) l-ispejjez giudizzjarji relattivi ghall-proceduri fl-ismijiet “Jonathan De Bon v. Gismalla Adam Ahmed et” Talba Nru. 351/10 decizi mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fit-22 ta’ Frar 2011, u ghall-Mandat ta’ Sekwestru bin-Numru 303/10 fl-ismijiet “Jonathan De Bon v. Gismalla Adam Ahmed et”.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------